MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF VICTOR J. CARUANA COLOMBO

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2001

It-Tribunal

Ra c-citazzjoni ta’ l-atturi konjugi Mallia li tghid hekk:

“Peress illi b’rikors ipprezentat mil-esponenti, l-atturi f’din il-kawza, quddiem dan l-Onorabbli Tribunal, kienu talbu li l-intimata Awtorita tal-Ippjanar, tigi dikjarata li kkommettit ingustizzja minhabba diskriminazzjoni ingusta fil-konfront taghhom minhabba agir illegali, u diskriminazzjoni politika, kontra taghhom bejn id-9 ta’ Mejju tal-1987 u l-15 ta’ Mejju tal-1995.

Peress illi l-atturi kienu ppremettew li huma kienu xtraw bictejn art, Plot 131 u 132 fi Triq id-Dugh, f’Marsaskala, fl-1987 wara li huma kienu ccekkjaw mal-intimata, ossija l-

antecedenti taghha jigifieri l-P.A.P.B., dwar li din l-art setghet tigi fabbrikata.

Peress illi l-atturi wara li kienu applikaw ghall-permessi mehtiega fi Frar tal-1988 (Ara applik. Nru 0514/88 Dok B) u wara stennija twila kienu gew infurmati li ma kienx ser johrog il-permess, u r-raguni kienet li x-xogholijiet proposti ma kienux jaqghu taht fil-politika tal-Awtorita tal-mument u kif approvata mill-Kamra tar-rapprezentanti fit-12 ta' Ottubru 1988, skond il-Provvedimenti tal-Att Nru. X tal-1988, l-Att dwar il-permessi tal-bini (Provedimenti Temporanji). Dana kien peress li l-konvenuta b'mod illegali u diskriminatorju, kienet halliet l-art tal-attur barra mil-pjan temporanju ta' strattura kif approvat (Ara Dok. C).

Peress illi dan l-izvilupp kien halla l-art tal-atturi ghal ftit metri 'l barra mil-linja li taqsam, barra mil-pjan meta quddiemhom hemm il-bini kif hemm wkoll fl-art adjacenti ghal taghhom, (ara Doki D1 2 3 4).

Peress illi l-art kienet inxtrat f'Dicembru tal-1987 u fl-14 ta' Frar tal-1988 kienu applikaw ghall-permess tal-bini (nru. 514/88 Dok B). Ir-risposta fin-negattiv kienet tal-21 ta' Awissu 1989, sena u nofs wara. Ic-cahda ghall-permess kienet tghid li 'the proposed works do not fall within the current policy regulating building permit, as approved resolution of the House of Representatives on the 12th October 1988 in terms of the Building Permits (Temporary Provisions) Act 1988, (Dok C).

Peress illi sabiex ir-rikorrenti juru d-diskriminazzjoni li minnha huma batew, pprezentaw il-permess numru 105/88/3400/87, Dok G, li kien inhareg lil certu Demanuele fl-14 ta' Jannar tal-1988, wara li dan kien applika fis-16 ta' Settembru tal-1987. Liema art tas-sur Demanuele tinsab quddiem dik tar-rikorrenti. Dana juri diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti. Hekk ukoll Charles Mizzi (Permess numru 3594/86/3514/86 Dok H) kien ottjena fuq art li hija faccata ta' dik tar-rikorrenti, permess biex jibni. Bhal ma otjena John Camilleri (Permess Nru 542/89) fi Triq il-Buttar, Marsaskala.

Peress li ghaldaqstant l-esponenti kienu talbu li dan it-Tribunal jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997, dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji u jaghti lir-rikorrenti rimedju billi jikkundanna lill-Awtorita tal-Ippjanar, taghti l-permess mehtieg ghall-bini lir-rikorrenti, fuq l-art propjeta taghhom hawn indikata, jigifieri Plot 131, 132, fi triq id-Dugh Marsascala u/jew jaghti dawk id-direttivi jew kumpens li dan it-Tribunal jista' jidhirlu xierqa.

Peress illi l-Awtorita tal-Ippjanar kienet eccepit li l-Awtorita tal-Ippjanar skond l-istess Att numru 1 tal-1992, mhix is-successur tal-PAPB, hlief ghal dawk il-permessi li hargu mil-PAPB u kienu ghadhom in vigour (ghal sentejn) meta spicca l-PAPB u bdiet tiffunzjona l-Awtorita. Li skond l-att 1 tal-1992, l-Awtoirta mhiex is-successur tal-PAPB. Fil-fatt il-PAPB kien delegat tal-Ministru tal-Infrastruttura.

Peress li l-Awtorita ghamlet riferenza ghad-decizjonijiet aktar ricenti tal-Qrati taghna fejn anki ilmenti kostituzzjonali ma kienux intlaqghu meta diretti kontra l-Awtorita jekk dawn kienu minhabba agir tal-PAPB. Dan ghax skond l-Awtorita hija ma kellha xejn x'taqsam ma dak li kien sar mil-PAPB.

Peress li l-Awtorita tallega li t-talba li kien hemm tar-rikorrenti quddiemha kienet biss ghal 'Boundary Wall'. Hija talenka l-process tar-rikorrenti fl-isforzi tieghu biex jottjena permess biex jizviluppa l-art tieghu, u tibqa ssostni li taht l-ebda ligi fiz-zmien in vigore ma kien japplika r-rikorrenti biex jinghata permess. Li d-dokumenti li kien pprezenta r-rikorrenti fl-atti tal-kawza fl-ebda hin ma jirreferu ghal xi applikazzjoni ohra, relatata mal-izvilupp tal-art de quo, anzi kienet biss rigwardanti l-'Boundary Wall' u ghalih kienet tat rifjut l-Awtorita.

Peress li ghaldaqstant l-Awtorita intimata kienet talbet li dak it-Tribunal, stante li hija ma kienet ghamlet l-ebda ingustizzja mar-rikorrenti tiddikjara li din ma kienitx ingustizzji kontra l-esponenti, u tichad it-talbiet tar-rikorrenti kif kienu dedotti fir-rikors promotur.

Peress illi dik l-Onorabbli Qorti kienet rat il-provi kollha prodotti mil-partijiet kollha fil-kawza. Hija kienet hadet konjuzzjoni tar-rapporti relattivi u eventwalment kienet kkunsidrat illi t-Tribunal l-ewwel kellu jezamina l-eccezzjoni preliminari, li l-Awtorita mhiex is-successur tal-PAPB. Dana peress li wara li kienu ppremettew li l-PAPB kienet naqset lejn ir-rikorrenti inghad kien talab li tinstab hatja l-Awtorita.

Peress illi biex jaghmel hekk, it-Tribunal kien rrefera ghas-sentenza fl-ismijiet 'Annunziato Mifsud vs Direttur tat-Toroq' tal-14 ta' Novembru 1997, per Imhallef G. Caruana Demajo. Il-Qorti hawn kienet tal-opinjoni li l-Awtorita tal-Ippjanar ghandha **personalita guridika** separata u ndipendenti minn dik tal-PAPB, u l-kawza 'John Sammut vs Awtorita tal-Ippjanar' tat-12 ta' Dicembru 1996 fejn jinghad li l-Att 1, tal-1992 jaghmel eccezzjoni biss, fejn permess moghti mil-PAPB jkun ghadu in vigore meta twaqqfet l- Awtorita u dana taht dawk il-kundizzjonijiet li ghalih jkun hareg u tul dan <u>**iz-zmien jitqies li hu permess tal-Awtorita.**</u>

Peress li l-Qorti wara li ezaminat dil-gurisprudenza ricenti waslet ghall-konkluzjoni li ma kelliex xi zzid ma l-insenjament msemmi u ghalhekk kellha tilqa' u taccetta l-eccezzjoni tal-intimata Awtorita u tiddikjara li dak li sofrew r-rikorrenti ma huwiex rizultat tal-agir tal-Awtorita tal-Ippjanar u ghalhekk helsitha mil-harsien tal-gudizzju.

Peress li dina l-kawza u is-sentenza konsegwenzjali huma soggetti ghal ritrattazzjoni skond l-artiklu 811 (e) u (1) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili Kap 12, ghar-ragunijiet li fl-imsemmija kawza i) ittiehdet is-sentenza billi kienet applikata l-ligi hazin; ii) is-sentenza kienet l-effett ta' zball li jidher mil-atti u mid-dokumenti tal-kawza.

Peress li dawn huma ragunijiet validi ghar-ritrattazzjoni tal-kawza msemmija. L-ewwel il-ghaliex l-Onorabbli Tribunal flok ra x'inhi l-ligi li kellu japplika ghall-fatti fil-kumless ta' provi lilu pprezentati, kkonsidra u llimita ruhu biss ghall-ezami tal-eccezzjoni li ressqet l-Awtorita tal-

Ippjanar. Dan fisser li qaghad fuq l-ezimi gurisprudenza li tezisti sal-lum u semplicament kkonferma u jaddotta l-istess u minghajr ebda ezami ta' provi prodotti dehrlu li kellu abbazi tal-istess jilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-Awtorita tal-Ippjanar u jichad it-talba tal-atturi.

Peress li hekk ukoll dwar l-artiklu 811(1) jinghad li l-atturi qed jsostnu li l-Onorabbli Tribunal ta' sentenza li hija rizultat ta' zball li jidher mil-atti u mid-dokumenti tal-kawza. Qed jigi umilment sottomess li l-esponenti fl-atti tal-kawza taw prova cara u inekwivoka li mal-konvenuta, originarjament intimata, l-atturi kellhom relazzjoni diretta, u indipendenti minn kull procedura li kienet saret meta fi zmien iehor kienet ghada tezisti l-PAPB. L-Awtorita hawn konvenuta ma tistax tichad li l-esponenti dejjem zammew hajja l-applikazzjoni taghhom, lil min hekk mehtieg skond il-ligi applikabbli fil-mument, biex jibnu fuq il-propjeta taghhom. L-esponenti ppruvaw, minghajr ma gharfu jirribattu l-ufficjali tal-Awtorita, li huma kellhom quddiem l-Awtorita tal-Ippjanar applikazzjoni pendenti biex jizviluppaw l-art taghhom (Ara Doki M2 u M3). Dina giet eventwalment michuda mil-Awtorita, u kkawzat diskriminazzjoni ingusta kontra l-esponenti, propju minn dawk li jrid jirregola l-Att VIII/1997.

Ghaldaqstant tghid il-konvenuta il-ghaliex ma ghandiex dina l-Onorabbli Qorti 1.) prevja dikjarazzjoni li din l-kawza deciza fit-12 ta' Dicembru 2000, fl-ismijiet 'Emanuel u Elizabeth konjugi Mallia vs l-Awtorita tal-Ippjanar' hija soggetta ghal ritrattazzjoni skond il-ligi, taht l-artikli 811(e) u (1), tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap 12, billi s-sentenza applikat il-ligi hazina, u billi s-sentenza kienet effett ta' zball li jidher mill-atti u mid-dokumenti tal-kawza; 2) tirrevoka is-sentenza msemmija u kull att iehor relattiv u sussegwenti; 3) fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimata Awtorita hawn konvenuta u tordna r-ritrattazzjoni fil-mertu u mil-gdid tal-kawza, sabiex tigi amministrata gustizzja lill-atturi billi tilqa' t-talbiet taghhom.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk tar-rikors originali u ta' ritrattazzjoni, kontra l-konvenuta, minn issa, hija u rapprezentanti taghha, ngunti in subizzjoni."

Ra n-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Awtorita' ta' l-Ippjanar li tghid hekk:-

"Teccepixxi bir-rispett:

Illi fl-ewwel lok il-procedura uzata hi rrita u nulla stante li ma tezisti ebda procedura b'citazzjoni ghar-ritrattazzjoni minn decizjoni quddiem it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji;

Illi, ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-istess dikjarazzjoni fic-citazzjoni ma gietx guramentata u l-istess hi nulla u ggib in-nullita' ta' l-istess citazzjoni;

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-istess ritrattazzjoni hi nulla fi kwalunkwe kaz stante li jekk tkun ibbazata fuq l-artikolu 8 (1)(e), din m'ghandhiex tkun fuq interpretazzjoni ta' ligi kif deciza fid-decizjoni, kif kien il-kaz de quo;

Illi ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk l-istess ritrattazzjoni hi bbazata fuq l-artikolu 8(1)(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet, l-istess citazzjoni hi nulla stante li l-fatti li qed isiru minnhom it-trattazzjoni kien punt ikkontestata u dan gie deciz mill-istess Tribunal stante li l-uniku applikazzjoni quddiem l-Awtorita' ma kienx fuq terraced house (l-ilment ta' l-applikant li kien quddiem l-PAPB u ghall-liema kien hemm decizjoni finali qabel ma gie fis-sehh l-Awtorita' ta' l-Ippjanar), izda ghal *boundary wall* biss, skond id-dokumenti esebiti mill-intimati (illum konvenuti);

Illi fi kwalunkwe kaz, skond gurisprudenza illum ormai stabbilita', l-istess Awtorita' ta' l-Ippjanar a bazi ta' l-Att I ta' l-1992, mhux is-successur tal-PAPB u d-decizjoni tat-Tribunal tat-12 ta' Dicembru, 2000 hi gusta u timmerita konferma;

Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess atturi."

Ra d-decizzjoni tal-31 ta' Lulju 2001 li biha dan it-Tribunal cahad l-ewwel eccezzjoni ta' l-Awtorita' konvenuta.

Ra l-atti l-ohrajn attinenti, komprizi dawk tar-rikors numru 2/97 fl-istess ismijiet premessi u s-sentenza f'dak ir-rikors moghtija minn dan it-Tribunal fit-12 ta' Dicembru 2000, u sama' t-trattazzjoni orali.

Jikkonsidra illi:-

1. L-atturi qeghdin jibbazaw it-talba taghhom ghar-ritrattazzjoni tar-rikors imsemmi fuq zewg motivi: l-ewwel ghaliex, kif jallegaw huma, id-decizjoni originali msemmija tat-12 ta' Dicembru 2000 applikat il-ligi hazin (artikolu 811 (e) Kap 12): it-tieni ghaliex dik id-decizzjoni, dejjem kif jippretendu l-atturi, kienet effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza (artikolu 811 (l) Kap 12).

**Dwar l-ewwel motiv - applikazzjoni zbaljata tal-ligi**

2. Kwantu ghal dan l-ewwel motiv, jinghad li fid-decizzjoni originali tieghu (fol 236 fl-atti tar-rikors 2/97) it-Tribunal qabel xejn ezamina l-eccezzjoni preliminari ta' l-Awtorita' konvenuta, l-eccezzjoni cioe' li "l-istess rikorrenti qed jallegaw ingustizzja li saret mill-PAPB pero' l-istess rikorrenti qed jallegaw l-istess att bhala kommess mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar."

3. F'dik id-decizzjoni t-Tribunal osserva li l-ilment ta' l-atturi jikkonsisti filli kien kollu htija tal-Planning Area Permits Board (PAPB) li dam biex jittratta l-applikazzjoni taghhom. Wara li ccita mill-gurisprudenza, it-Tribunal ikkonkluda li l-Awtorita' konvenuta mhijiex is-successur tal-PAPB, u li ghalhekk l-Awtorita' mhix responsabbli ghan-nuqqasijiet tal-PAPB hlief f'kazi eccezzjonali li fil-meritu prezenti ma jokkorrux. It-Tribunal allura spicca biex ighid li l-azzjoni ma kellhiex tigi proposta kontra l-Awtorita' konvenuta, u ghalhekk laqa' l-eccezzjoni msemmija, u llibera lill-istess Awtorita' mill-osservanza tal-gudizzju.

4. L-atturi, fic-citazzjoni prezenti, jissottomettu li t-Tribunal fid-decizzjoni in kwistjoni ".... flok ra x'inhi l-ligi li kellu japplika ghall-fatti fil-kumpless tal-provi lilu prezentati, ikkonsidra u llimita ruhu biss ghall-ezami ta' l-eccezzjoni li ressqet l-Awtorita' ta' l-Ippjanar. Dana jfisser li qaghad fuq l-ezimi gurisprudenza li tezisti sal-lum u semplicement ikkonferma u adotta l-istess u minghajr ebda ezami ta' provi deherlu li kellu abbazi ta' l-istess jilqa' l-eccezzjoni preliminari ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar u jichad it-talba ta' l-atturi." (ara c-citazzjoni). Fin-nota ta' l-osservazzjonijiet taghhom (fol 32 tal-process prezenti) l-atturi jissottomettu li dan "in-nuqqas tal-Qorti" (tat-Tribunal) "wassalha biex allura tapplika l-ligi hazin."

5. L-atturi donnhom jippretendu li t-Tribunal, anki fil-waqt li jittratta l-eccezzjoni preliminari u indipendentement minn jekk dik l-eccezzjoni jkollhiex tigi milqugha jew le, kellu jidhol fil-meritu ta' l-ingustizzja allegata minnhom. Tant li fin-nota ta' l-osservazzjonijiet taghhom ighidu li t-Tribunal iddecieda minghajr ma sar l-ezami ta' l-atti processwali, liema ezami, kif jirritjenu huma, kien mehtieg "biex tkun tista' ssir gustizzja ma' l-esponenti." Ighidu wkoll f'dik in-nota li t-Tribunal kellu japplika l-ligi dwar l-ingustizzji, cioe' l-Att VIII ta' l-1997. Ighidu wkoll fl-istess nota li "qabel ma l-Qorti" (cioe t-Tribunal) "setghet tiddeciedi l-kaz kollu, kellha qabel xejn tezamina l-premessi u l-provi in sostenn ta' l-atturi biex tichadhom u tibbaza d-decizzjoni taghha fuq dawk il-fatti minnha accettati."

6. Dawn is-sottomissjonijiet ta' l-atturi pero' huma zbaljati. Di fatti in vista ta' l-eccezzjoni preliminari in kwistjoni, it-Tribunal ovvjament ma kellux jittratta l-meritu ta' dik l-allegata ingustizzja qabel ma jinvesti dik l-eccezzjoni. Effettivament it-Tribunal sab li dik l-ingustizzja talvolta kienet giet kommessa minn haddiehor li ma kienx parti fil-process, u mhux mill-Awtorita' konvenuta. Din il-konkluzzjoni t-Tribunal wasal ghaliha skond il-ligi mill-provi processwali, primarjament mit-talba nnifisha ta' l-atturi, allura r-rikorrenti. Kien jizbalja t-Tribunal kieku, fil-waqt li jehles lill-Awtorita' konvenuta mill-gudizzju, iddecieda l-

meritu dwar jekk l-atturi kienux sofrew ingustizzja jew le fl-assenza ta’ xi parti ohra konvenuta, kif l-atturi donnhom jippretendu li kellu jaghmel it-Tribunal. Ghalhekk l-ewwel motiv ta’ l-atturi ghar-ritrattazzjoni tar-rikors mhux sostenibbli.

**Dwar it-tieni motiv - id-decizzjoni effett ta’ zball**

7. Fic-citazzjoni odjerna l-atturi jghidu li huma fl-atti tar-rikors “taw prova cara u inekwivoka li mal-konvenuta, originarjament intimata, l-atturi kellhom relazzjoni diretta u indipendenti minn kull procedura li kienet saret meta fi zmien iehor kienet ghadha tezisti l-PAPB.” Dana forsi huwa kollu minnu. Biss dak li huwa rilevanti ghall-prezenti process huwa li l-ilment allegat mill-atturi jirreferixxi ghal ingustizzja allegatament kommessa minn xi hadd li ma kienx l-Awtorita’ konvenuta u unikament fi zmien li kienet tezisti l-PAPB, ghal liema ingustizzja l-Awtorita’ konvenuta mhix tenuta tirrispondi. Tant li fir-rikors inizjali taghhom l-atturi ppremettew: “Illi kien kollu htija tal-Palnning Authority, ossija tal-PAPB li damu biex jittrattaw l-applikazzjoni ta’ l-esponenti.....” (Is-sottolinear huwa tat-Tribunal). L-ingustizzji talvolta gew sofferti mill-atturi qabel ma dawn dahlu fir-relazzjoni ma l-Awtorita’ konvenuta, anzi qabel ma din kienet tezisti. Ghalhekk ma jirrizultax li d-decizzjoni originali tat-Tribunal kienet l-effett ta’ xi zball, u hekk l-anqas dan it-tieni motiv ma hu sostenibbli.

Ghal dawn ir-ragunijiet jichad it-talbiet ta’ l-atturi, bl-ispejjez kolla, hlief dawk ga decizi, kontra taghhom.

--------------------------------TMIEM--------------------------------